# TIBDA IS-SENA TAS-SAĊERDOTI

NIFHMU NITOLBU U NGHINU LIS-SAĊERDOTI

## NIFHMU NITOLBU U NGHINU LIS-SAĊERDOTI

**Il-Missjoni li jwettaq Radju Marija 24 siegha kuljum f'aktar minn hamsin pajjiz fid-dinja hija mdawra mal-hidma tas-sacerdot. Ghalkemm Radju Marija huwa radju ghall-Knisja u mhux tal-Knisja, huwa radju mwaqqaf minn assocjazzjoni lajkali immexxija minn Presidenza lajka, izda kollox huwa mdawwar madwar il-figura tad-Direttur tar-Radju li huwa sacerdot. Fil-fatt imkien ma jist ajitwaqqaf Radju Mairja jekk ma jkunx hemm mil-prezenza ta' sacerdot li jhejji u jimmonitorja il-programmi.**



## Is-Sena tas-Saċerdoti

Ghalhekk ghas-semmiegha kollha ta' Radju Marija is-sena li habbar il-Papa Benedittu XIV li hija is-sena ddedikata lis-sacerodti hija mument qawwi mhux biss ta riflessjoni u tigdid ghall-qdusija tas-sacerdoti izda ghad-dinja kollha nisranija biex nifhmu, nitolbu u nghinu lis-sacerdoti. Il-papa Benedittu XVI ipproklama s-sena tas-sacerdoti li bdiet fid-19 ta Gunju 2009 u tintemm fid-19 ta' Gunju 2010. Il-Papa rrefera ghal fatt li din is-sena jahbat il-150 anniversarju tal-mewt tal-Kurat ta' Ars San Gwann Marija Vianney u ser jipproklamah Patrun tas-Sacerdoti kollha tad-dinja. Il-Papa inawgura din is-sena billi ppreseda l-Ghasar fil-bazilika ta' San Pietru fil-festa tal-Qalb ta' Gesu' nhar id-19 ta' Gunju li ghadda. Ghal din ic-celebrazzjoni kien hemm ir-relikwa ta' San Gwann Maria Vianney li ngiebet Ruma mill-Isqof Guy Bagnar ta' Belley Ars minn Franza. Huwa mistenni li fid-19 ta' Gunju 2010 il-Papa ser jaghlaq din is-sena b'laqgha ghas-sacerdoti mid-dinja kollha fid-19 ta' Gunju 2010.

**Bhall-Appostli**

Is-Sacerdoti huma bhall-appostli Huma il-MIBGHUTIN TA' KRISTU; Biex ikunu BHAL KRISTU; biex jaghtu xhieda ta' KRISTU. Din il-missjoni fdata f'idejn is-sacerdoti taghtihom setghat specjali. Kristu tahom is-setgha li kulma jzommu fuq l-art ikun mizmum fis-sema u kull ma jzommu fuq l-art ikun mizmum fis-sema. Is-sacerdoti

jghammdu, jaghtu l-Ispirtu is-Santu, jippresedu il-laqghat ta talb u c-celebrazzjonijiet ewkaristici. Kristu tahom is-setgha li "Jaghmlu dan tifkira tieghi". Tahom is-setgha li jevangelizzaw 'l gnus kollha. Il-missjoni tas-sacerdot hi universali fl-ispazju u z-zmien. Gesu' fil-Vangelu ta' San Mattew 28,20 jibghathom ixandru l-evangelju sa l-ahhar taz-zminijiet.

Ghal dan irridu nitolbu matul din is-sena, li l-hidma tas-sacerdoti tissahhah u tiggedded kuljum bil-qawwa tal-konsagrazzjoni presibiterali. Radju Marija ser ikompli jkun strument li permezz tieghu is-sacerdot jaqdii wkoll il-hidma tieghu.

**Fr. Charles Fenech O.P.**
**Direttur Radju Marija**

# FIS-SAJF KOMPLU GĦINU LIL RADJU MARIJA

**Fis-Sajf Radju Marija jkompli ghaddej 24 siegha kuljum bil-hidma u x-xandir tieghu. GHALHEKK FTAKRU FTIT FIR-RADJU TAL-MADONNA U TAGHKOM. Radju Marija ma jxandarx reklami u d-dhul finanzjarju jiddependi biss mill-generozita' taghkom is-semmiegha. Ahna nkomplu nappellaw ghax nemmnu fil-generozita taghkom li dejjem jghin biex inkomplu nwettqu din il-missjoni. Komplu ghalhekk ghinuna billi tibghatu id-donazzjoni taghkom lil RADJU MARIJA, Kunvent Patrijiet Dumnikani, RABAT RBT 2521 Tistghu ukoll taslu sa l-ufficcji ta' Radju Marija fil-kunvent tad-dumnikani, ir-Rabat mit-Tnejn sal-Hadd bejn id-9.00 am u nofs in-nhar u bejn 5.00 pm u it-8.00 pm. Fl-Ufficcju ta' Radju Marija gewwa Ghawdex il-Belt Victoria fi Triq il-Karita' mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.00 am sa nofs in-nhar.**

**MINN ISSA GRAZZI TAL-GENEROSITA!**